**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi

## DIRETTIVI DWAR IT-TQARBIN

Minħabba ħafna każijiet ta' influwenza u biex kemm jista' jkun jiġi evitat il-periklu ta' tixrid tal-influwenza, sakemm jingħataw direttivi oħra, it-tqarbin Ewkaristiku bl-ostja għandu jsir biss fl-idejn u mhux fil-ħalq.

Fil-każijiet permessi għal tqarbin mill-kalċi, it-tqarbin m'għandux isir billi wieħed jixrob direttament mill-istess kalċi, iżda biss *per intinctionem*.

Dawn id-direttivi qed jingħataw fuq pariri minn esperti fil-qasam tas-saħħa.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 11 ta' Jannar 2019.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Ġenerali

(i) Din iċ-ċirkolari għandha tinqara fil-quddies tas-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Jannar 2019.

(ii) Is-saċerdoti, djakni u ministri straordinarji tat-Tqarbin huma mfakkra li għandhom jaħslu idejhom qabel u wara t-Tqarbin Ewkaristiku.